GUDJA

Minuti tal-erbgħa u sittin (64) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li ġiet msejjħa fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar il-Ġimgħa 01 ta' Marzu 2013 fis-5.45p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Anthony Dalli |

Skużati: Kunsillieri; Mark-Anthony Sammut u Osvaldo Pace

Agenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 57/6 (08 ta' Jannar 2013)
   58/6 (10 ta' Jannar 2013)
   59/6 (16 ta Jannar 2013)
   60/6 (23 ta' Jannar 2013)
   61/6 (28 ta' Jannar 2013)
   62/6 (05 ta' Frar 2013)
   63/6 (11 ta' Frar 2013)
2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri
3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna
4. Aġġudikazzjoni ta' Tender u kwotazzjoni:-
   a. Tender 001/2013 – Upgrading and Embellishment of Ġnien R. Caruana, including installation of playing field equipment.
   b. Kwotazzjoni kiri ta' bobcat.
5. Xogħlijiet u Progress
   a. Triq San Pawl
   b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna.
6. Residential Parking Scheme
7. Minuti Laqgħa Pubblika (28/02/2013) / Rapport Amministrattiv 2012
8. Estimi Finanzarji 2013 u Pjan ta' Ħidma Jannar 2013 – Diċembru 2016
9. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet
10. Għeluq tal-laqgħa

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-Laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri preżenti.

**1. Approvazzjoni ta' minuti – 57/6 (08 ta' Jannar 2013)**
**58/6 (10 ta' Jannar 2013)**
**59/6 (16 ta Jannar 2013)**
**60/6 (23 ta' Jannar 2013)**
**61/6 (28 ta' Jannar 2013)**
**62/6 (05 ta' Frar 2013)**
**63/6 (11 ta' Frar 2013)**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Xogħol fi Triq il-Kbira – inċident mal-kuntrattur. Is-Sindku qal li huwa kien mar fuq il-post sabiex ifiehem lill-kuntrattur Mario Spiteri illi x-xogħol fuq il-bankini ma kienx qed issir sewwa u li saħansitra kien hemm fejn li l-bankina ċkienet ħafna u bosta nuqqasijiet oħra oltre l-fatt li x-xogħol ma kienx qed ikun kontinwu u kien qed ikun hemm dewmien mhux ġustifikat.

Is-Sindku qal li f'din l-istess okkażjoni l-kuntrattur irrejaġixxa ħażin ħafna fil-konfront tiegħu (Sindku) u ġiet imsejħa l-Pulizija li qed tieħu passi kontra l-kuntrattur.

Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill ġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur permezz ta' l-email datata 16 ta' Frar 2013 li sal-25 ta' Frar 2013 l-istess kuntrattur kellu jikkoreġi dawn in-nuqqasijiet.

Is-Sindku qal li deher li l-kuntrattur ma kienx lest li jagħmel skond kif qallu l-Perit William Lewis u sal-25 ta' Frar 2013 ma għamel l-ebda xogħol u jidher li abbanduna x-xogħol kompletament.

Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux triq oħra ħlief li jwaqqaf il-kuntratt u jieħu passi kontra l-kuntrattur skond it-termini tal-kuntratt.

Saret diskussjoni u l-Kunsill ħa konjuzjoni li kien l-istess kuntrattur Mario Spiteri li daħal fil-pront sabiex jieħu x-xogħol ta' bankini u servizzi tal-ilma fi Triq San Pawl meta l-kuntrattur li kien diġa magħżul mill-Kunsill abbanduna l-kuntratt peress li stqarr li ma kellux kompetenza li jagħmel is-servizz tal-ilma kif kien meħtieġ.

Il-Kunsill ġie infurmat li l-Perit tal-Kunsill, William Lewis, ħareġ il-kont dwar ix-xogħol ta' Mario Spiteri dwar Triq San Pawl għall-ammont ta' €5579.66 pero dan huwa suġġett li jsiru xi xogħlijiet li huma stmati għas-somma ta' €625.00.

Peress li l-kuntrattur Mario Spiteri minkejja li ngħata żmien suffiċjenti sabiex ilesti dawn ix-xogħlijiet (iżda ma lestiex) u peress li l-Kunsill huwa tal-fehma li r-residenti għandhom ikunu moqdija kompletament, il-Kunsill qabel li jitqabbad il-kuntrattur ieħor u jagħmel dawn ix-xogħolijiet għas-somma kompleta ta' €625.00 li għandha titnaqqas mill-ammont pagabbli lill Mario Spiteri.

Il-Kunsill ikkonsidra ukoll illi minkejja l-kuntrattur wiegħed li kien sejjer iġib il-garanzija dwar ix-xogħol ta' bankina fi Triq il-Kbira huwa naqas li jagħmel dan u għalhekk mis-somma ta' €5579.66 (diġa msemmija), l-Kunsill sejjer iżomm s-somma ta' €1165.00 bħala garanzija għal bankina ta' Triq il-Kbira kif imsemmija fil-kuntratt.

Għalhekk il-Kunsill qabel filwaqt li iżomm responsabbli lill-kuntrattur Mario Spiteri għan-nuqqasijiet tiegħu dwar il-bankina ta' Triq il-Kbira, għandu joħroġ il-pagament maħdum hekk:-

| | € |
|---|---|
| Ammont ta' flus dovuti dwar xogħol ta' bankina fi Triq San Pawl (kif ċertifikat mill-Perit William Lewis) | 5579.66 |
| Naqqas: xogħol li l-Kunsill kellu jħallas għalihom lill-kuntrattur ieħor | (625.00) |
| Ammont li l-Kunsill qed iżomm bħala garanzija | (1165.00) |
| Pagament maħruġ | 3789.66 |

Il-Kunsill qabel illi fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill għandu joħroġ sejħa ġdida għall-offerti dwar xogħlijiet ta' bankini (li għandu ukoll ikun magħruf li dan ix-xogħol jinkludi xogħol dwar servizzi ta' ilma kif ikun stipulat mill-Water Service Corporation u bir-rati stabbiliti mill-WSC).

2.1.2 Xogħol fuq xelter fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal ukoll illi waqt ix-xogħol ta' bankina fi Triq il-Kbira inkixef xelter u li issa għandu bżonn travi u struttra oħra sabiex fil-futur ikun jista jintuża għall-attrazzjoni turistika.

Il-Kunsill qabel li jikseb stima ta' xogħol meħtieġ u wara jipproċedi b'dan ix-xogħol fuq works order tal-Kunsill. Dan ix-xogħol għandu jsir malajr kemm jista jkun.

Il-Kunsill qabel illi peress li sar ħafna xogħol fuq servizz tal-ilma, għandu jsir kull sforz sabiex filwaqt li titlesta l-bankina safejn saru s-servizz tal-ilma, l-kuntrattur tal-asfalt jiġi mitlub li jagħmel xogħol ta' resurface b'mod li jitneħħa kull inkonvenjent għar-residenti fl-aqsar żmien possibli.

2.1.3 Ittra lit-TM sabiex parti minn Triq il-Kbira issir one way bil-possibilta li ssir two way għar-residenti biss. Is-Sindku qal li l-Kunsill jinsab impenjat li jagħmel dak kollu possibli sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent għar-resideni u għalhekk minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti kien qed jitlob lit-TM li toħroġ permess, anke jekk temporanju, sabiex il-parti tat-Triq il-Kbira mill-kantuniera ma' Triq Ġlormu Cassar ma' Triq il-Kbira sa Triq il-Kbira kantuniera ma' Wesgħet Anglu Dalli/Triq il-Fidwa issir one way bil-fakulta li ssir two way għar-residenti tal-istess triq.

Il-Kunsill approva li tintalab l-approvazzjoni tat-TM dwar dan, sabiex meta dan jiġi approvat, issiru s-sinjali sabiex juru d-devjazzjoni kif ikun meħtieġ.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Traffic lights ħdejn Triq BurĠlat. Is-Sur Baldacchino qal li ħafna residenti qed jilmentaw miegħu dwar li minkejja dawn it-traffic lights huma ferm meħtieġa u minkejja li TM wegħdu dawn it-traffic lights sa żmien ilu, dawn it-traffic lights għadhom ma sarux bil-periklu li għadhom qed jitfaċjaw dawk kollha li jifrekwentaw dawn l-inħawi.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed ta' spiss ifakkar lit-TM dwar dawn il-ħtiġijiet u riċentament rċieva risposta mit-TM li dawn it-traffic lights sejrin isiru fi żmien qasir.

2.2.2 Triq De Warsbergh – kaxxa safra. Is-Sur Baldacchino staqsa dwar li ġie rrapurtat lilu li fi Triq De Warsbergh saret kaxxa safra quddiem dar meta fil-fehma tiegħu l-Kunsill ma kienx rċieva ebda talba dwar dan.

Is-Sindku wieġeb illi din il-kaxxa safra ta' xi erba' piedi saret wara konsiderazzjoni tiegħu fuq bażi umanitarja u temporanja peress li f'din ir-residenza hemm persuna b'saqajha maqtugħin u l-ftit arja li tieħu hija meta ulieda jew qraba joħorġuha bill-wheelchair. Meta jkun hemm xi vettura ipparkjata din il-persuna ma tkunx tista' toħroġ bill-wheelchair u għalhekk il-kaxxa s-safra għandha tnaqqas it-tbagħtija għal din il-persuna u l-qraba tagħha.

Is-Sur Baldacchino qal li filwaqt huwa kompletament favur li l-Kunsill jgħin u jaġixxi bla dewmien sabiex itejjeb il-kwalita tal-ħajja ta' dawk li għandhom bżonn ta' xi forma ta' għajnuna speċjalment dwar il-mobilita tagħhom, il-Kunsill għandu jimxi u jaġixxi skond il-proċedura u l-policy ta' TM sabiex b'hekk ma jinħolqux problemi u konflitti bla bżonn qalb il-ġirien li għandhom jaraw li l-Kunsill qed jaġixxi bl-aktar mod trasparenti u miftuħ.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Anthony Dalli:-
a. Is-Sur Dalli qal li peress huwa mhux sejjer jikkontesta l-elezzjoni huwa xtaq jirringrazzja lill-Kunsill Lokali Il-Gudja tal-koperazzjoni li sab mingħand kulħadd u filwaqt li huwa qed joffri li jkun ta' għajnuna lill-Kunsill, xtaq ukoll kull suċċess lill-kunsillieri kollha sabiex ikomplu jaħdmu fl-aħjar interess għar-residenti kollha tal-Gudja

Kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi-Sindku irringrazzjaw lill-Kunsillier Anthony Dalli għal ħidma tiegħu fi ħdan il-Kunsill u qablu li s-Sur Dalli għandu jkun qrib il-Kunsill u li lest li jilqa kull għajnuna li s-Sur Dalli jista' jagħti.

Il-Kunsill irringrazzja ukoll lil Kunsillier O. Pace għal ħidma tiegħu fi ħdan il-Kunsill u qablu li s-Sur Pace għandu jkun qrib il-Kunsill u li lest li jilqa kull għajnuna li s-Sur Pace jista jagħti.

**3.0 Rapporti**

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-ilment li waslu għand il-Kunsil u kienu ta' natura ordinarja ġew trattati u solvuti fi żmien qasir. Dawk l-ilmenti li ħtieġu servizz ta' entitaijiet oħra ġew riferuti lill dawn l-entitajiet u ġew ukoll segwiti sabiex dawn l-ilment jiġu solvuti għas-sodisfazzjon ta' min ikun qed jagħmel l-ilment.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħatu u ddeċieda li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li rċieva u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**4.0 Aġġudikazzjoni ta' Tender u kwotazzjoni**

4.1.0 Tender 001/2013 – Upgrading and Embellishment of Ġnien R. Caruana, including installation of playing field equipment.

4.1.1 Kemm is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier preżenti fetħu flimkien dawn l-offerti kif indikati hawn taħt:-

1. Forestals FGL Commerical Sales Ltd
2. JGC Ltd
3. Peter Vella & FEMI Works Ltd – trading as PF Joint Venture
4. MQuip Company Limited
5. L & A Camilleri Ltd
6. Green Skip Services Ltd

Il-prezzijiet rispettivi huma murija fl-iskeda li tifforma parti integrali ta' dawn l-istess minuti.

Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill jgħin lill-Kunsill f'din il-materja billi jagħmel analiżi dettaljata u kummenti meħtieġa sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu l-aħjar deċiżjoni dwar l-aħjar offerta fejn il-Kunsill ikun qed jieħu l-aħjar valur għall-flus li jkun serjin jintefqu dwar dan il-proġett.

4.2.0 Kwotazzjoni kiri ta' bobcat.

4.2.1 Kemm is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier preżenti fetħu flimkien l-offerti kif indikati hawn taħt:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | F. Abela & Sons | €118.75 għal kull ġurnata xogħol |
| 2. | Jason Cutajar | €220.00 kull ġurnata |
| 3. | Denfar Concrete Supplies | €18 kull siegħa |
| 4. | Bruce Zarb | €35.40 incl VAT kull siegħa |
| 5. | Charlie Vassallo Excavation works | €199.20 għal tmien siegħat |
| 6. | Frans Delia | €236 kull ġurnata |
| 7. | Joseph Tonna | €27 is-siegħa |
| 8. | Mangion Brothers Żurrieq Ltd€59 is-siegħa. | |

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li l-aħjar offerta hija dik ta' F. Abela & Sons €118.75 għal kull ġurnata xogħol ta' 8 siegħat.

Il-Kunsill qabel li s-Sur Francis Abela għandu jiġi avviċinat sabiex filwaqt li jikjarfika ir-rata fis-siegħa jiġi mqabbad immedjatament sabiex jibda x-xogħol skond kif diġa iddeċieda l-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ukoll li jinħarġu l-works orders sabiex b'hekk ikun hemm akkontabilita u l-kontol meħtieġ.

**5.0 Xogħlijiet u Progress**

5.1.0 Triq San Pawl

5.1.1 Ara spjegazzjoni aktar il-quddiem f'dawn l-istess minuti.

5.2.0 Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna.

5.2.1 Triq il-Kbira. Ara spjegazzjoni aktar il-quddiem fuq dawn l-istess minuti.

5.2.2 Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna. F'dawn it-toroq sar xogħol ta' patching u qed jiġu konsidrati xogħlijiet ta' bankini u resurfacing skond kif jippermettu l-finanzi tal-Kunsill u skond il-prijorita meħtieġa.

5.3.0 Triq Ħal Resqun. Ix-xogħol ta' resurfacing ġewwa din it-triq huwa lest iżda fadal xi pendenzi mal-kuntrattur.

**6.0 Residential Parking Scheme**

6.1 Il-Kunsill ġie infurmat mis-Sindku li saru kaxxi bojod u blu f'toroq kif approvati mit-TM u sinjali sabiex juru li f'dawn it-toroq qed tiġi operata r-residential parking scheme u għal vetturi li ma għandhomx reġistrazzjoni fuq indirizz ġewwa l-Gudja dawn għandhom jużaw l-arloġġ dwar il-ħinijiet li tkun topera r-residential parking scheme u li jistgħu jipparkjaw biss għal 150minuta kif ikun indikat fuq it-tabelli.

6.2 Il-Kunsill ġie infurmat li barra minn dawk it-toroq li ġew approvati mit-TM, ġewwa l-Gudja hemm bosta toroq oħra li għandhom mhux imdaħħla fir-residential parking scheme u għalhekk wieħed jista jipparkja f'dawn it-toroq mingħajr ebda limitu ta' ħin.

6.3 Il-Kunsill ġie ukoll infurmat illi qed jaslu diversi talbiet mingħand persuni li jew li jgħixu l-Gudja jew li għandhom il-ħtieġa li jżuru l-qrabathom li jgħixu l-Gudja u talbiet oħra li għandhom vetturi tagħhom li mhux reġistrati fuq indirizz fil-Gudja li jixtiequ jiġu eżentati mil-limitazzjoni tal-ħin kif provdut fir-residential parking scheme.

6.4 Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jistħarreġ il-ħtieġa u l-ġustifikazzjoni ta' kull permess mitlub u wara jagħmel rapport dwar ir-rakkomandazzjoni tiegħu sabiex il-Kunsill ikun jista jikkonsidra jekk kull permess mitlub jkunx ġustifikat jew le sabiex din l-iskema ta' residential parking ma tkunx abbużata.

6.5 Il-Kunsill qabel li l-ħruġ ta' permessi speċjali tkun l-prerogattiva assoluta tal-Kunsill u li kull permess speċjali għandu jkun validu għal tlett xhur u jista' jiġi mġedded skond il-validita u l-ħtieġa speċjali li jingħata dan il-permess.

**7.0 Minuti Laqgħa Pubblika (28/02/2013) / Rapport Amministrattiv 2012**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-laqgħa pubblika li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Frar 2013. Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

7.2.0 Affarijiet li tqajmu mill-minuti tal-laqgħa pubblika li saret fit-28 ta' Frar 2013.

7.2.1 Xogħol fuq wiċċ x-xelter fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li peress li wara li jitnaddaf dan ix-xelter jista' ikun ukoll t'attrazzjoni turistika l-bokok tiegħu għandhom issiru b'mod li filwaqt li jkun hemm sigurta sewwa għal min jgħaddi minn fuqhom dawn il-bokok ikunu jistgħu jinfetħu b'mod faċli għal meta l-Kunsill ikun jixtieq jiftaħ dan ix-xelter għal viżitaturi.

Is-Sindku qal għalhekk dan il-bokok mhux sejrin ikunu miksija fil-pave iżda b'materjal ieħor identiku u li jaqbel mal-wiċċ tal-istess bankina.

7.2.2 Il-Kunsill qabel li għandhom jinġabru stimi u jsir xogħol meħtieġ wara li l-Kunsill joħroġ works order għal dawn ix-xogħlijiet dwar ix-xelter ġewwa Triq il-Kbira.

7.3.0 Ġnien R. Caruana u l-playing field – Urban Improvement Fund (UIF).

7.3.1 Il-Viċi-Sindku qal li fil-fehma tiegħu dan il-proġett għandu jingħata prijorita sabiex jekk ikun possibli jitlesta qabel is-sajf 2013 u b'hekk jibda jidgawda mir-residenti tal-Gudja u minn dawk jifrekwentaw dan il-Ġnien u Playing Field u b'mod sigur speċjalment għat-tfal, fl-aqsar żmien possibli.

7.4.0 Rapport Amministrattiv 2012

7.4.1 Dan ir-rapport kien diġa approvat fil-laqgħa pubblika tat-28 ta' Frar 2013, kopja ta' dan ir-rapport reġħet ġiet ukoll preżentata fuq il-mejda tal-Kunsill waqt il-laqgħa u reġa ġie approvat waqt din il-laqgħa tal-Kunsill.

7.4.2 Il-Kunsill qabel li kopja ta' dan ir-rapport kif approvat jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**8.0 Estimi Finanzarji 2013 u Pjan ta' Ħidma Jannar 2013 – Diċembru 2016**

8.1 Il-Kunsill qabel li kopja ta' dawn id-dokumenti kif ġew approvati waqt il-laqgħa pubblika jiġu ukoll preżentati lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

8.2 Il-Kunsill qabel ukoll illi malli l-Kunsill jirċievi l-indikazzjoni tal-fondi għas-sena 2013 joħroġ il-budget li jirrifletti x-xewqat u l-prijorita tr-residenti tal-Gudja.

8.3 Dwar proġetti kapitali l-Kunsill sejjer ikompli bi proġetti li ġew approvati, u li jikseb diversi fondi kemm bi skemi mill-Gvern Ċentrali u anke mill-Unjoni Ewropea u li jingħaqad mal-Malta International Airport plc u entitajiet oħra sabiex jintwettqu diversi proġetti taħt il-kunċett ta' Private Public Parnership (PPP) u dan issir fl-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja.

**9.0 Finanzi**

9.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €36.12 għax-xahar ta' Jannar 2013 kif ippreżentata lill-Kunsill.

9.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar u Frar 2013 għas-somma ta' €70,680.21 ġiet approvata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda.

9.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9.3.1 Il-Kunsill qabel u iddeċieda li japprova dawk ix-xogħlijiet, xiri ta' servizzi u materjal meħtieġ dwar it-twettieq ta' dawn ix-xogħlijiet kif indikati u msemmija f'dawn l-istess minuti.

9.3.2 Xiri ta' pompa u aċċessorji għall-funtana fi Ġnien R. Caruana. Il-Kunsill approva x-xiri ta' din il-pompa u aċċessorji oħra għas-somma massima ta' €500.00

**10.0 Għeluq tal-laqgħa**

10.1 Is-Sindku, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier preżenti qalu li din kienet l-aħħar laqgħa qabel l-elezzjoni tal-Kunsill fid-09 ta' Marzu 2013 u awguraw kull suċċess għal persuni kollha li qed jieħdu sehem f'dawn l-elezzjonijiet u li meta jiġu hekk eletti jaħdmu fl-aħjar interess tar-residenti kollha tal-Gudja u tan-nazzjon Malti.

***Aġġornament***

Il-Laqgħa ġiet aġġornata fid-9.05p.m. għal nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu 2013 fis-5.45p.m. għall-aħħar laqgħa ta' dan is-Sitt Kunsill Lokali Il-Gudja peress li fid-09 ta' Marzu 2013 hemm l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali Il-Gudja.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________